MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 678/2010/1

**Mehmet Serdar Koca fil-kwalita` tieghu ta' Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza ta' PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD. STI – socjeta` registrata Istanbul fit-Turkija**

**v.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2010 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti ERCAN ENGIN, SERHAN ENGIN u ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD SIRKETI kif debitament awtorizzat u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2010, l-Avukat Dottor Antoine Cremona gie awtorizzat jassumi l-atti**

**bhala mandatarju specjali tal-assenti ERCAN ENGIN u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2010, l-Avukat Dottor Kris Borg gie awtorizzat jassumi l-atti bhala mandatarju specjali tal-assenti SERHAN ENGIN u s-socjeta` estera ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD SIRKETI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-atturi pprezentaw fis-6 ta' Lulju 2010, li jaqra hekk:

"1. Illi l-attur huwa kreditur ta' l-intimati f'somom ingenti li l-intimati dawru bi frodi u b'misapproprazzjoni flus appartenenti l-istess socjeta' attrici ad insaputa tad-diretturi l-ohra tas-socjeta' u b'dannu ghall-azzjonisti ta' l-istess socjeta'.

"2. Illi l-intimat ERCAN ENGIN kien direttur tas-socjeta' PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD. STI – socjeta' registrata Istanbul it-Turkija - u kellu r-rapprezentanza legali ta' l-istess socjeta' u kien artefici tal-frodi kommessa fejn fuq awtorizzazzjoni tieghu, dawwar flus appartenenti s-socjeta' attrici fuq ismu personalment u dan bi ksur ta' kull provvediment tal-Ligi tas-socjetajiet.

"3. Illi huwa dawwar ghalih innifsu bi frodi u b'misapproprjazzjoni flus appartenenti l-istess socjeta' PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD li kienu depozitati f'kont mal-FIMBANK Plc fuq kont tieghu personali u dan skond zewg dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok. B.

"4. Illi dawn il-flus sussegwentement gew trasferiti mill-kont tieghu personali ghal fuq kont iehor, tas-socjeta' intimata estera ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD. SIRKETI kif rapprezentata minnu u minn huh SERHAN ENGIN.

"5. Illi l-attur nomine malli sar jaf b'dan it-trasferiment ta' dawn il-flus mill-kontijiet tas-socjeta' attrici depozitati mal-FIMBANK Plc, huwa hareg Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 995/2010 kontra l-intimati

fejn interpellahom biex jirrifondu l-flus kollha li huma mmisapproprjaw u li hadu b'mod indebitu mill-kontijiet tas-socjeta' attrici meta huma la kienu awtorizzati mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' attrici biex jaghmlu dan u lanqas setghu jaghmlu dan a beneficcju taghhom infushom minghajr kawza lecita.

"6. Illi FIMBANK Plc wara l-hrug ta' dan is-Sekwestru Kawtelatorju iddepozitaw b'cedola ta' depozitu numru 238/10 tat-2 ta' Lulju, 2010, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C, is-somma ta' €138,942.46 (mija u tmienja u tletin elf disgha mija u tnejn u erbghin euro u sitta u erbghin centezmu) bilanc minn somma akbar ta' €140,884.45 ekwivalenti ghal USD172,724.33 flus li kienu depozitati fil-kont tas-socjeta' konvenuta u dan wara li gew mehuda l-ispejjez gudizzjarji tal-istess cedola ta' depozitu.

"7. Illi dawn il-flus jappartjenu lis-socjeta' attrici u qed jigu mizmuma b'mod indebitu mill-intimat ERCAN ENGIN u SERHAN ENGIN u mis-socjeta' taghhom ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD. SIRKETI bi frodi u misapproprjazzjoni tad-drittijiet tal-attur nomine.

"8. Illi wara li nhareg il-Mandat ta' Sekwestru Nru: 995/2010 kien jehtieg li jigi prezentat dan ir-Rikors Guramentat biex is-socjeta' attrici tigi rifuza l-flus mehuda indebitament bi frodi u b'misappropjazzjoni minn ERCAN ENGIN u SERHAN ENGIN u depozitati fis-socjeta' tieghu ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD. SIRKETI.

"Ghaldaqstant jghidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti in solidum bejniethom bi frodi u misapproprjazzjoni dawwru ghalihom infushom flus appartenenti lis-socjeta` attrici ad insaputa taghhom minghajr il-kunsens u approvazzjoni taghhom.

"2. Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom jirrifodnu s-somma ta' €138,942.46 (mija u

tmienja u tletin elf, disa' mija u tnejn u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu) oltre l-imghax legali mill-11 ta' Dicembru, 2007, flus mehuda indebitament minn ERCAN ENGIN u SERHAN ENGIN mdawwra fuq is-socjeta` taghhom ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD. SIRKETI b'mod abbusiv u llegali, b'mod frawdolenti u b'misappropprazzjoni ghad-dannu tas-socjeta` attrici.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 995/2010 u bl-ingunzjoni ta' l-intimati ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata li ressaq Dr. Antoine Cremona bhala mandatarju specjali tal-assenti Ercan Engin li in forza taghha eccpixxa illi:

"1. Illi preliminarjament, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma' l-kawza odjerna kif proposta stante illi l-fattispecje kif deskritta ma tinkwadra ruhha taht l-ebda wahda mild-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Illi preliminarjament il-kawza odjerna hija irrita u nulla in kwantu Mehmet Serdar Koca la ghandu u lanqas qatt kellu legalment ir-rapprezentanza tas-socjètà estera attrici PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VE TIC. LTD. STI, mhux awtorizzat jirrapprezenta l-istess, u dan kif sancit mill-Qrati Torok f'digriet tad-9 ta' Novembru 2010 kopja ta' liema digriet qed tigi hawn esebita fil-lingwa originali u fi traduzzjoni bl-Ingliz u mmarkata "Dok EE1", u qieghed kwindi iressaq dawn il-proceduri abbusivament u minghajr l-awtorità rikjesta skond l-istatut tal-kumpanija u l-ligi applikabbli.

"3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u fuq il-mertu, l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors guramentat qed jigi michuda kompletament bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex, kif ser jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-eccipjent qatt u fl-ebda mod ma dawwar ghalih innifsu xi fondi bi frodi, u t-trasferimenti kollha li saru dejjem saru meta huwa kellu l-awtorizzazzjoni u l-poter li jaghmel hekk, u dan bil-

kunsens ta’ kulhadd, u l-fondi, sal-anqas dollaru, dejjem intuzaw sabiex ihallsu ammonti dovuti mis-socjetà PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VE TIC. LTD. STI, u qatt ma giet approprjata minnu jew minn qraba tieghu jew socjetajiet kontrollati minnhom l-ebda somma zghira kemm hi zghira.

“4. Illi sussidjarjament ukoll u fuq il-mertu, Ercan Engin qatt ma ttrasferixxa fondi lil huh Serhan Engin jew lis-socjetà konvenuta l-ohra ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD SIRKETI.

“Bl-ispejjez ta’ din l-istanza u tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontra l-istess rikorrenti li gew ukoll ingunti in subizzjoni.

“**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

“Illi l-fatti kif malizzjozament riportati fir-rikors guramentat huma assolutament inveritieri u ma jikkorrispondux ma’ kif kronologikament u effettivament sehhew l-affarijiet u huwa ghalhekk li l-konvenut kif rapprezentat qieghed iressaq din id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti:

“1. Illi fid-dati meta saru t-trasferimenti tal-flus lanjati ossija t-trasferiment tal-11 ta’ Dicembru 2007 (Dok A mar-Rikors Guramentat) u 15 ta’ Gunju 2010 (Dok B mar-Rikors Guramentat) il-konvenut Ercan Engin kellu l-awtoritajiet kollha statutorji fi hdan is-socjeta` PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD. STI li jiggestixxi l-kontijiet bankarji tal-istess socjeta`;

“2. Illi z-zewg trasferimenti mill-kontijiet tas-socjeta` ghall-kont personali ta’ Ercan Engin saru bl-awtorizzazzjoni tal-partijiet kollha involuti inkluz ta’ Zeynep Engin kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta’ din il-kawza u l-flus kellhom jintuzaw, u fil-fatt intuzaw kif miftiehem sal-inqas dollaru, biex ikopru spejjez tas-socjeta` PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD. STI u li ghal-liema pagamenti sejrin f’dawn il-proceduri jigu pprezentati r-ricevuti u r-rendikonti kollha opportuni;

“3. Illi l-partijiet kollha involuti jafu li din kienet prassi komuni ta’ kif isir in-negozju tas-socjeta` li jsiru hlasijiet minn kontijiet personali bhal dak tal-konvenut Ercan Engin li kien direttur u li kellu r-rapprezentanza gudizzjarja, legali u bankarja tal-istess socjeta` u din il-prassi issa qed tintuza malizzjozament minhabba vertenzi personali ohrajn li jezistu bejn il-partijiet sabiex jintefa’ dawl hazin fuq Ercan Engin ghaliex jafu li mad-daqqa t’ghajn kull ma jidher huwa trasferiment fuq kont personali;
“4. Illi qatt u fl-ebda waqt il-konvenut Ercan Engin ma ghadda illegalment, frawdolentement jew malizzjozament xi fondi pertenti lis-socjeta` PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VE TIC. LTD. STI lil Serhan Engin jew lis-socjeta` tieghu ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD SIRKETI u dawn l-allegazzjonijiet huma kompletament frivoli u bla ebda bazi kif ser jigi ppruvat;

“5. Illi l-konvenut Ercan Engin tnehha illegalment mill-pozizzjoni ezekuttiva li kien jokkupa fi hdan is-socjeta` PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VE TIC. LTD. STI, liema tnehhija li saret aktar kmieni din is-sena giet dikjarata illegali mill-Qrati tat-Turkija b’decizjoni tad-9 ta’ Novembru 2010 u fil-perjodu *interim*, b’abbuz tal-interessi tal-istess socjeta` li Ercan Engin innifsu beda u bena tressqu dawn il-proceduri vessatorji fil-konfront tieghu.”

Rat ir-risposta guramentata li ressaq Dr. Kris Borg bhala mandatarju specjali tal-assenti Serhan Engin li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

“<u>Proceduralment:</u>

“1. Preliminarjament, il fatt illi din il-Qorti m’ ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma’ l-kawza u dan ai termini tal-artikolu 741(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

"2. Fit-tieni lok il-fatt illi una volta l-attur huwa persuna assenti minn Malta, huwa ma setax jipproponi din il-kawza jekk mhux tramite mandatarju presenti f'Malta.

"3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi ma hux minnu li Mehmet Serdar Koca hu vestit bir-rappresentanza guridika tas-socjeta' PEICC INSAAT TAHHUT SAN. VE TIC. LTD. STI, u lanqas ma kien awtorizzat jirrapprezenta l-istess, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

"<u>Mertu</u>

"4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u Serhan Engin jew Esenco Makina Taahhut Ltd Sirketi.

"5. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, assolutament ma hu minnu xejn minnu li l-konvenut nomine ircieva, jew gew rimessi f'xi kont tieghu, flejjes mis-socjeta' attrici jew mill-konvenut l-iehor Ercan Engin.

"6. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur huma ghal kollox infondati kif ser jiri ppruvat fil-kors tal-kawza u bl-ebda mod il-konvenut nomine ma kien partecipi f'xi frodi jew mkisapproprijazzjoni, jew b'xi mod dawwar ghalih flejjes appartenenti lis-socjeta' attrici.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine li gie ukoll ingunt in subizzjoni."

Rat li l-kawza thalliet mill-ewwel Qorti ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni kif sollevata mill-konvenuti rigward in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati Maltin li jittrattaw u jiddeciedu l-prezenti procedura;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 2011, li in forza taghha ddisponiet mill-kwistjoni ta' gurisdizzjoni billi:

"…tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tittratta u tiddeciedi din il-kawza kif sollevata minn kull konvenut nomine u tiddikjara li hi ghandha gurisdizzjoni biex tittratta u tiddeciedi din il-kawza u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza u tiddiferixxi il-kawza ghal-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-20 ta' Gunju 2011.

"Spejjez kollha ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenuti nomine in solidum bejnithom."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-attur nomine, fir-rikors promotur tieghu, jippremetti li huwa kreditur tal-konvenuti f'somom ingenti u dan peress li, dejjem skond l-attur, il-konvenuti dawru bi frodi u b'misapproprazzjoni ammonti appartenenti lis-socjeta' attrici ad insaputa tad-diretturi l-ohra tal-istess socjeta' u b'dannu ghall-azzjonisti tal-istess socjeta'. L-attur nomine jispjega li l-konvenut ERCAN ENGIN kien direttur tas-socjeta' PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VETIC. LTD. STI, socjeta' inkorporata f'Istanbul it-Turkija u kellu ukoll r-rapprezentanza legali tal-istess socjeta' u allegatament kien l-artefici tal-frodi kommessa fejn fuq awtorizzazzjoni tieghu, dawwar flus appartenenti s-socjeta' attrici fuq ismu personalment u dan bi ksur ta' kull provvediment tal-Ligi tas-socjetajiet. Skond l-attur nomine dawn l-ammonti kienu depositati f'kont mal-FIMBANK Plc u gew imdawrin fuq kont personali tal-imsemmi konvenut. Sussegwentement dawn l-istess ammontui gew trasferiti mill-imsemmi kont ghall-kont iehor tas-socjeta' konvenuta estera ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD. SIRKETI kif rapprezentata miz-zewg konvenuti li huma ahwa. L-attur ikompli jippremetti li malli sar jaf b'dan huwa ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenuti. Sussegwentement l-imsemmi Bank iddeposoita taht l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' €138,942.46 (mija u tmienja u tletin elf disgha mija u tnejn u erbghin euro u sitta u erbghin centezmu) cioe' il-bilanc mill-ammonti kollha li kienu depozitati fil-kont tas-socjeta' konvenuta u

dan wara li gew imnaqsa l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghac-cedola ta’ depozitu.

“Fir-rikors promotur l-attur nomine qed jitlob li jigi dikjarat u deciz li l-konvenuti in solidum bejniethom bi frodi u misapproprjazzjoni dawru ghalihom infushom flus appartenenti lis-socjeta’ attrici minghajr il-kunsens u approvazzjoni tal-istess socjeta’ attrici u li l-konvenuti in solidum bejniethom jigu kundannati l;l jirrifondu s-somma ta’ €138,942.46 (mija u tmienja u tletin elf disgha mija u tnejn u erbghin euro u sitta u erbghin centezmu) oltre’ l-imghax legali mill-11 ta’ Dicembru, 2007. .

“L-Avukat Dottor Antoine Cremona nomine qed jeccepixxi fost affarijiet ohra li din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma’ l-kawza odjerna peress li din l-azzjoni ma tinkwadrax ruhha taht l-ebda wahda mild-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Avukat Dottor Kris Borg nomine ukoll jeccepixxi li din il-Qorti m’ ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma’ l-kawza u dan ai termini tal-artikolu 741 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Il-kawza odjerna hija kawza bejn cittadin Tork (MEHMET SERDAR KOCA) ghan-nom u in rapprezentanza ta’ socjetà Torka rregistrata Istanbul (PEICC INSAAT TAAHHUT SAN. VE TIC LTD. STI) kontra zewg cittadini Torok (ERCAN ENGIN u SERHAN ENGIN) u socjetà estera (ESENCO MAKINA TAAHHUT LTD SIRKETI) li hija wkoll socjeta’ inkorporata t-Turkija.

“Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li f’dan il-kaz ma japplikawx ir-regoli gurisdizzjonali tassattivi kontenuti fir-Regolament tal-Unjoni Ewropea 44/2001/KE, u ghalhekk huma applikabbli l-artikoli 742 et seq tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“L-Artikolu 742(1) tal-Kap.12 jipprovdi – “Bla hsara ta’ fejn il-ligi tiddisponi espressament xort’ohra, il-Qrati Civili ta’ Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija –

“(a) cittadini ta’ Malta, sakemm ma jkunux stabbilew iddomicilju taghhom band’ohra.

“(b) kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta.

“(c) kull persuna, f’kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f’Malta.

“(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f’Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x’jaqsmu ma’ dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta.

“(e) kull persuna illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f’pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f’Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors ghandu jkollha effett f’Malta, kemm-il darba, f’kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta.

“(f) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta’ Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta’ persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f’Malta, meta s-sentenza tista’ tkun esegwita f’Malta.

“(g) kull persuna li tkun b’mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti.”

“F’dan ir-rigward is-socjetà attrici tinvoka l-gurisdizzjoni taht is-subinciz (c) ta’ dan l-Artikolu, minhabba l-fatt illi hemm flus f’kont bankarju f’Malta, li jikkostitwixxu “hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f’Malta” u li dan is-subinciz fil-fatt ma jitlobx li l-attrici tkun ta’ nazzjonalità maltija jew lit kun prezenti f’Malta. Dwar dan il-konvenuti nomine ssottomettew li ma’ hemm l-ebda talba da parti tal-attur nomine, per ezempju, ta’ rivendika tal-proprjetà ta’ dawk il-flus li huma “l-oggett li jinstab hawn Malta” u ghalhekk jissottomettu li l-kawza ma tikkoncernax oggett li jinstab hawn Malta.

"Il-kwistjoni ghalhekk tikkoncerna jekk il-prezenza ta' flus, li mhumiex oggett tangibbli, hijiex sufficjenti biex tigi stabbilita l-gurisdizzjoni. Il-konvenuti jissottomettu li l-kont bankarju minn fejn gew sekwestrati l-flus in kwistjoni, ghalkemm jinsab f'Malta, mhuwiex bizzejjed sabiex wiehed jghid li skond l-Art. 742(1)(c) tigi stabbilita l-gurisdizzjoni, u dawk il-flus huma biss utili ghall-esekuzzjoni ta' eventwali sentenza. Il-kont bankarju ta' €138,942.46 kien jinsab f'Malta depozitat mal-FIMBANK Plc f'isem is-socjeta' Esenco Makina Taahhut Limited Sirketi, liema flus wara l-mandat ta' sekwestu gew elevati mill-kont tas-socjeta' Esenco Makina Taahhut Limited Sirketi (socjeta' tal-azzjonisti l-konvenuti Ercan Engin u Serhan Engin), u gew depozitati that l-awtorita' ta' din il-Qorti.
"Illi ghalhekk il-Qorti, bla dubju, tista' tezercita l-gurisdizzjoni ai termini ta' l-Artikolu hawn fuq imsemmi ghaliex hija ghandha taccerta ruhha jekk il-hwejjeg – jigifieri l-flus depositatai li in effett huma l-"bone of contention" jinsabux f'Malta jew le . Allura dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk il- flus li qed jintalbu jintraddu lis-socjetà attrici humiex hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu hawn Malta.

"Is-socjetà attrici tirreferi ghas sentenza Dr. Mark Fenech noe vs. Jean Clark[1] fejn l-attur talab il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' azzjonijiet f'socjeta' registrata Malta. Il-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghaliex ebda mill-kontendenti ma kienu Maltin. Meta cahdet dik l-eccezzjoni il-Qorti qalet "illi l-imsemmi Artikolu 742(1)(c) jikkonferixxi gurisdizzjoni fuq din il-Qorti biex tisma' u tiddeciedi l-kawzi kollha li jirrigwardaw kull persuna dwar hwejjeg li qeghdin u/jew li jinsabu f'Malta … Illi din il-Qorti jidhrilha illi nonostante l-elementi fattwali esposti fl-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta (li kien li la l-attur u lanqas il-konvenut ma kienu Maltin) jirrizulta pero' xorta wahda li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni skond l-imsemmi Artikolu peress li l-kawza titratta dwar hwejjeg li jinsabu Malta."

[1] 25 ta' Jannar 1989, Qorti tal-Kummerc

"L-attur nomine rrefera ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Scicluna vs. Carbone[2] fejn gie stabbilit li hwejjeg li jinsabu f'Malta ikopru kwalsiasi oggett li ghandu valur: "La parola 'cosa' nel suo ampio sinificato e tuttocio che ha un valore di scambio, e, per esserre piu comprensivo, la legga si e riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intellettuale, come sarebbero un avviamento, un credito, o una pubblica estimazzione di un commerciante. I titoli, I cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni sono simili."

"Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet dan fil-kawza fl-ismijiet Ellul vs. Valenzia[3] fejn qieset li ghandha gurisdizzjoni li tiddetermina kwistjoni bejn iz-zewg persuni mhux residenti f'Malta meta l-mertu tal-kaz kien jittratta depositi li jinsabu Malta, ghalkemm dak id-depositu kien gie sbankat sa meta giet istitwita l-kawza.

"Illi dan kollu gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Dr. Ann Fenech noe vs. Dr. Louis Cassar Pullicino noe[4], fejn ma kien hemm ebda dubju illi l-partijiet kienu t-tnejn esteri, u li ma gew assunti ebda obbligi fir-rigward jew da parti ta' xi entitajiet Maltin. Il-Qorti ta' l-Appell irriferiet ghas-sentennza fl-ismijiet Manduca noe vs. Chetcuti noe[5], fejn intqal illi l-oggett li jkun jinsab Malta ai termini ta' l-Artikolu 742(1)(c) tal-Kap 12 irid ikun "innifsu l-meritu tal-kawza". Ghalhekk fl-kaz ta' Fenech noe vs. Cassar Pullicino noe, meta s-socjetà in kwistjoni fethet kumpanija f'Malta "hija awtomatikament poggiet dik il-kumpanija taht l-iskrutinju tal-organi kompetenti Maltin, u meta hemm obbligazzjoni li qed tirreferi ghall-ishma ta' dik il-kumpanjia, dik l-obbligazzjoni titqies li qed tirreferi ghal oggett prezenti hawn Malta, u kwindi taht il-kontroll u l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin", u dan irrispettivament mit-tranzazzjoni l-ohra li kienet il-kawza ta' dizgwid bejn il-

[2] 28 ta' Novembru 1884
[3] 28 ta' Lulju, 1987
[4] 2 ta' Lulju, 2010, Citazz. Nru: 90/2004TM
[5] Qorti tal-Kummerc, 25 ta' Frar 1993

partijiet. It-tranzazzjoni li qajmet il-kontenzjoni kienet obbligu li jigu trasferiti l-ishma f'dik il-kumpanika li giet inkorporata f'Malta, u ghalhekk il-Qorti kellha gurisdizzjoni.

"Bl-istess mod, fil-kawza in ezami, meta s-socjetà konvenuta fethet il-kontijiet bankarji f'Malta, dawk il-flus, li l-attur nomine jallega li huma tal-konvenuti, jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Il-fatt illi l-kontendenti huma residenti u domiciljati barra minn Malta ma jnehhix il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, ghax il-flus jew parti minnhom jinsabu f'Malta.

"La darba l-flus huma ddepozitati Malta, u l-attur nomine jippretendi li dawn huma tieghu, konsegwentement din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni. Il-flus Malta jinsabu. Ma hemm ebda bzonn, skond l-Artikolu 742(1)(c) illi l-partijiet ikollhom prezenza f'Malta jew li huma cittadini jew domiciljati Malta jew ta' nazzjonalità Maltija. Kieku wiehed kellu jinterpreta dan l-Artikolu kif qed jippretendu li ghandu jigi interpretat il-konvenuti, allura jkun possibbli li wiehed jiddepozita l-flus barra minn pajjiz fejn ma ghandu ebda konnessjoni u ebda Qorti ma jkollha gurisdizzjoni. Dan zgur mhuwiex l-ispirtu ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi, anzi l-ispirtu huwa li tirradika l-gurisdizzjoni fejn il-proprjetà (f'dan il-kaz intangibbli) tmiss mat-territorju Malti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat Ercan Engin li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Mejju 2011 prevja l-akkoljiment tal-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni u kwindi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimati Serhan Engin u s-socjeta` Esenco Makine Taahhut Ltd Sirket li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"…tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Mejju 2011, billi tichad it-talbiet attrici u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet ta' gurisdizzjoni tal-istess konvenut appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata."

Rat iz-zewg risposti li l-attur nomine ressaq bhala twegiba ghall-imsemmija zewg appelli, li in forza taghhom, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab ic-cahda taz-zewg appelli, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, kontra l-konvenuti appellanti;

Rat li b'sentenza preliminari li tat din il-Qorti fit-3 ta' Frar 2012, giet michuda l-pregudizzjali preliminari sollevata mill-attur appellat dwar l-irritwalita` u nullita` tal-appell bazata fuq il-fatt li l-appell mill-konvenuti sar minn sentenza parzjali minghajr ma intalab il-permess mill-ewwel Qorti, u dan a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 234 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar il-meritu tal-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jallega frodi u missapproprjazzjoni da parti tal-konvenuti li dawwru a vantagg taghhom personali madwar tliet miljun dollaru Amerikan li kienu depozitati f'kont ma' bank lokali f'isem is-socjeta` Peicc Insaat Taahhut San. Vetic. Ltd. Sti. Meta l-attur sar jaf b'dan, hareg mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti f'idejn il-banek lokali, u bank wiehed iddeposita taht l-awtorita` tal-Qorti s-somma ta' €138,942.46 li kienu depositati f'kont tas-socjeta` konvenuta. L-attur imbaghad, fetah din il-kawza kontra l-konvenuti fejn qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuti in solidum bejniethom bi frodi u misapproprjazzjoni dawwru ghalihom infushom flus appartenenti lis-socjeta` attrici, u biex jizbanka l-imsemmija somma ta' €138,942.46 akkont tal-flus allegatament misappropprjati.

Iz-zewg konvenuti eccepew in linea preliminari illi l-qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni jittrattaw u jiddeciedu fuq il-kaz. Mhux kontestat li trattandosi tal-fatt li l-partijiet huma ta' nazzjonalita` Torka, pajjiz li mhux membru tal-Unjoni Ewropeja, ir-regoli tal-Unjoni Ewropeja dwar gurisdizzjoni ma japplikawx, u ghandu ghalhekk jitqies applikabbli l-Artikolu 742(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, invokat ukoll mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Lanqas ma hu kontestat li hadd mill-partijiet ma jinsab Malta u hadd minnhom ma ghandu cittadinanza Maltija. L-uniku subartikolu tal-Artikolu 742(1) li jista', ghalhekk, ikun applikabbli huwa s-subartikolu (c) li jaghti gurisdizzjoni lill-qrati Maltin li jqisu u jittrattaw kawza kontra "kull persuna", izda biss "dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f'Malta".

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ghax qalet li l-kaz huwa marbut mal-€138,942.46, li huma flus li jinsabu f'Malta u ghalhekk a bazi tal-Artikolu 742(1)(c) kellha gurisdizzjoni tittratta l-meritu tal-kaz.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u qed jinsistu li l-qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni peress li l-meritu proprju tal-kaz huwa allegazzjoni ta' delitt jew kwazi-delitt li jista' jigi mistharreg biss jekk il-persuna li tkun qed tigi akkuzata b'dak l-agir tkun tinsab Malta (Artikolu 742(1)(d)).

Fir-rigward tal-Artikolu 742(1)(c), l-uniku subartikolu li jista' jitqies applikabbli, u invokat mill-ewwel Qorti biex fuqu sserrah is-sejbien tal-gurisdizzjoni, kif intqal mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Manduca noe v. Chetcuti noe**, deciza fil-25 ta' Frar 1993, ghalkemm dan il-motiv ta' gurisdizzjoni jkun applikabbli l-aktar meta l-oggett tal-kawza jkun immobbli sitwat hawn Malta, pero` jista' jkun il-kaz ukoll ta' mobbli, izda jehtieg li dak l-oggett li jkun jinsab Malta jkun *"innifsu l-meritu tal-kawza"*.

Hekk ukoll fil-kawza **Scicluna v. Carbone**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Novembru 1884, intqal li *"la*

*parola 'cosa' nel suo piu' ampio significato e' tutto cio' che ha un valore di scambio, e, per essere piu' comprensivo, la legge si e' riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intelletuale, come sarebbero un avviamento, un credito, o una publica estimazione di un commerciante, i titoli, i cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni e simili"* (ara wkoll, **Xuereb v. Brincat**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Gunju 1979).

Jigifieri li biex tigi radikata l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin, jehtieg li l-kawza tkun dwar l-oggett innifsu li jinsab hawn Malta, u ma hemmx gurisdizzjoni a bazi tal-fatt biss li l-oggett li jinsab hawn Malta jkun jista' jintuza ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza li tinghata hawn Malta, izda li l-meritu taghha jipprexindi mill-oggett li jkun jinstab hawn Malta. Hekk, fil-kawza **Manduca noe v. Chetcuti noe**, aktar qabel imsemmija ntqal ukoll illi:

*"Irid jigi rilevat li ghalkemm jezisti depozitu bankarju f'Malta li jidher li gie sekwestrat mill-attur 'ad fundandam jurisdictionem' u li ghalhekk tezisti l-potenzjalita` ta' esekuzzjoni effettiva (ghalkemm in parti) ta' eventwali sentenza ta' dawn il-Qrati, pero` dan il-fatt wahdu ma jirradikax il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti…"*

L-attur f'din il-kawza jallega illi l-flus li nqabdu hawn Malta huma parti mill-flus li kienu gew misapproppriati u li, allura, il-flus huma parti mill-oggett innifsu meritu tal-kawza. Dan l-argument jaghmel sens, u din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta osservat is-segwenti:

*"Illi ghalhekk il-Qorti, bla dubju, tista' tezercita l-gurisdizzjoni ai termini tal-Artikolu hawn fuq imsemmi ghaliex hija ghandha taccerta ruhha jekk il-hwejjeg – jigifieri l-flus depozitati li in effett huma l-'bone of contention' jinsabux f'Malta jew le. Allura dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk il-flus li qed jintalbu jintraddu lis-*

*socjeta` attrici humiex hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu hawn Malta."*

Dan ikun jehtieg smiegh tal-provi fil-meritu biex jigi deciz jekk il-flus maqbuda humiex parti mill-meritu tal-kawza, u dan qabel ma tinghata decizjoni fuq l-applikabilita` *o meno* tal-Artikolu 742(1)(c) invokat.

L-ewwel Qorti, fil-fatt, fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2010, irregistrat verbal fis-sens li ddiferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni. L-attur ghalhekk, kellu jressaq provi li juru li l-flus maqbuda kienu tas-socjeta` minnu rapprezentata. Il-kaz ma kellux jibqa' aktar fl-istadju ta' allegazzjoni, izda biex tigi radikata l-gurisdizzjoni tal-Qorti, l-attur kellu jipprova li l-flus maqbuda kienu l-meritu tal-kawza, cioe`, kienu parti mill-flus misapproprjati. Ghalhekk, la darba l-attur inghata opportunita` li jipprova l-bazi tal-allegazzjoni tieghu, il-prova jew saret jew ma saritx, u l-ewwel Qorti ma setghetx tibqa' tghid, kif qalet fis-sentenza, li "la darba l-flus huma ddepozitati Malta, li l-attur nomine jippretendi li dawn huma tieghu, konsegwentement din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Darba li l-attur nomine gie mitlub jipprova li l-flus kienu tieghu, il-kaz ma baqax aktar marbut ma' "pretensjoni", u jekk il-prova ma saritx il-gurisdizzjoni tal-Qorti kellha tigi deklinata.
F'dan il-kaz, il-Qorti tara li din il-prova fil-fatt ma saritx. Tressaq affidavit ta' Dalin Midyat, avukat esteru tal-atturi, li qal li *"we feel that the said sums were transfered from his account* (tal-atturi) *to the account of either his brother and/or Esenco Makina Taahhut Ltd. Sirkiti".* Dan spjega wkoll li s-socjeta` attrici kellha flus depositati f'kont f'bank Malta, u meta l-azzjonisti bdew jindunaw li kienu qed jonqsu l-flus, wara investigazzjoni, instab li *"the said money was transfered from the account of the company held with FIMBANK PLC…to a personal account of Mr. Ercan Engin"*, li kien Managing Director tas-socjeta` attrici, izda gie mkecci fl-2010. Apparti dan gew esebiti zewg System Generated Advice mahruga mill-FINBANK PLC u ndirizzati lis-socjeta` attrici, li jikkonfermaw it-trapass ta'

kwazi tliet miljun dollaru Amerikan mill-kont taghha ghal go kont ta' Ercan Engin.

Ovvjament jistghu jezistu ragunijiet validi ghal dan it-trapass ta' flus, pero` il-kawza hi dwar flus allegatament missapproprjati u trasferiti ghall-kont personali ta' Ercan Engin.  Irrizulta li l-kont bankarju inkwistjoni kien intestat fuq isem is-socjeta` attrici, u sar trasferiment ta' flus minn dak il-kont ghall-kont bankarju f'isem Ercan Engin.  Dan fir-risposta guramentata tieghu ammetta li saru dawn it-trasferimenti, izda qal li saru *"meta huwa kellu l-awtorizzazzjoni u l-poter li jaghmel hekk"*.  Hu qal ukoll li kienet prassi tal-kumpanija li certi hlasijiet isiru minn kontijiet personali tieghu, biex wara jigi riversat il-flus mill-kont tal-kumpanija.  Dan jikkonferma li dak li hu *in issue* fil-kawza huma flus li kienu tas-socjeta` attrici, bil-konvenuti jghidu li kienu awtorizzati jdawru fuq isimihom.

Il-flus inqabdu, pero`, mill-kont li ESENCO Makina Taahhut Ltd Sirketi kellha mal-istess bank hawn Malta, u ma saret ebda prova li l-flus li hargu mill-kont tas-socjeta` attrici u marru ghand Ercan Engin b'xi mod dahlu jew waslu fil-kont tas-socjeta` Esenco.  Fi kliem iehor ma saret ebda prova <u>tal-origini tal-flus maqbuda</u>.  Il-kawza hija dwar somma ta' flus li Ercan Engin allegatament immisapproprja mill-kont tas-socjeta` attrici, u mhux dwar il-flus li kien hemm fil-kont tas-socjeta` konvenuta.  Ma saritx il-prova li l-flus li Ercan Engin allegatament ha tpoggew fil-kont tal-kumpanija Esenco, u kwindi ma jirrizultax li l-flus maqbuda, li kienu depozitati f'kont tas-socjeta` konvenuta, huma l-flus meritu tal-kontroversja bejn is-socjeta` attrici u Ercan Engin.  Fi kliem iehor, ma giex ippruvat li l-flus li hawn f'Malta jiffurmaw il-meritu nnifsu tal-kawza, u kwindi a bazi ta' dawk il-flus maqbuda ma tistax tigi radikata l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli mressqa mill-konvenuti billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-istess konvenuti, tiddikjara li l-qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni illi jisimghu din il-

kawza, u kwindi tastjeni milli tkompli tisma’ l-kawza odjerna.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------